MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 116/2005

Il-Pulizija
(Sp Victor Aquilina u
Sp Jeffrey Cilia)
vs
Raymond Abela, iben Joseph,
imwieled l-Awstralja fit-30 ta' settembru, 1966

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli f'xi ħin matul il-lejl ta' bejn it-8 u id-9 ta' frar, 2005, f'Ħal Balzan, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-ħanut 'Martin's Video Centre', sitwat fi Triq il-Birbal, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendsenti mill-volonta' tiegħu, u li kieku

seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Kevin Pisani;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'Ħal Balzan, ikkometta serq ta' somma flus ta' Lm5.50 mill-ħanut 'Martin's Video Centre' fi Triq il-Birbal, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Kevin Pisani;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'Malta, laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi l-ħamsin lira maltin (Lm50) iżda mhux il-ħames mitt lira maltin (Lm500) għad-dannu ta' Kevin Pisani;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'Ħal Balzan, wara li kien ġie kkundannat f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta' mfietaħ, imqabbli jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew forom ta' serraturi mingħajr ma ta kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jjinsabu għandu f'dan iż-żmien;

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, f'Ħal Balzan, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC1012 Andrew Muscat, PC846 Victor Grech, PS1043 Frank Pace u PC643 Jesmond Delicata, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ikkaġuna offiża fuq il-persuni ta' PC1012 Andrew Muscat u PC643 Jesmond Delicata, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun

inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel;
9. talli matul dawn l-aħħar xhur, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, saq vettura mhux liċenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni;
10. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' ġunju, 2003 ikkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;
11. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' frar, 2005 u tat-8 ta' marzu, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-'pre-sentencing report' u semgħet ix-xhieda dwaru.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 41, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3), 261(b)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2), 325(1)(ċ), 287, 96, 95(1), 338(ee), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' tmintax (18) il-xahar priġunerija. Dwar l-għaxar akkuża, u cioe', is-sentenza tat-8 ta' ġunju, 2003 tiddikjara li l-imputat kiser il-kondizzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-artikoli 28B u 28C tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza sospiża tibda sseħħ u għalhekk tikkudanna lill-imputat għal piena ta' sentejn priġunerija. Il-perjodu totali ta' priġunerija li jrid jiskonta l-imputat hu ta' tlett snin u sitt xhur. Tordna wkoll is-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tas-

sewqan għal perjodu ta’ sena. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri immedjatament wara li jiskonta l-piena tiegħu ta’ priġunerija. Din il-Qorti qed tagħmel raċċomandazzjoni speċjali u speċifika biex l-imputat jingħata l-għajnuna kollha possibbli biex jegħleb il-vizzju tad-droga. Minbarra dan il-Qorti saret taf li mart l-imputat sejra twelled u tirrakomda lid-Direttur tal-Ħabs biex l-imputat jingħata l-permess biex ikun preżenti waqt it-twelid tat-tarbija, dejjem taħt dawk il-kondizzjonijiet li d-Direttur tal-Ħabs jista’ jimponi f’ċirkostanżi ta’ din ix-xorta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------